

Brussell, 9 ta' Ġunju 2017  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2017/0116 (COD)**

---

---

**10146/17**  
**ADD 2**

**AVIATION 85**  
**CODEC 1023**  
**IA 105**

#### **NOTA TA' TRASMISSJONI**

---

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,  
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 8 ta' Ġunju 2017

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-  
Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: SWD(2017) 183 final

---

Suġġett: DOKUMENT TA' HĪDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li  
jakkumpanja d-dokument propoġta għal REGOLAMENT TAL-  
PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-salvagwardja tal-  
kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru, li jħassar ir-Regolament (KE) Nru  
868/2004

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2017) 183 final.

---

Mehmuż: SWD(2017) 183 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 8.6.2017  
SWD(2017) 183 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**proposta għal  
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL  
dwar is-salvagwardja tal-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru, li jħassar ir-Regolament  
(KE) Nru 868/2004**

{COM(2017) 289 final}  
{SWD(2017) 182 final}

<b>Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv</b>
Valutazzjoni tal-Impatt dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 868/2004.
<b>A. Ħtieġa għal azzjoni</b>
<b>X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?</b>
Il-kompetizzjoni globali iktar b'saħħitha u n-nuqqas, fl-ikbar parti, ta' regoli suffiċjenti dwar il-kompetizzjoni ġusta fil-livelli multilaterali u bilaterali wasslu għal tħassib fir-rigward ta' prattiki diskriminatorji allegati u sussidji selettivi li joriġinaw minn pajjiżi terzi. L-għodod attwali tal-UE mhumiex adegwati biex jinvestigaw u jipprevjenu tali prattiki.
<b>X'għandu jinkiseb?</b>
L-oġettiv ewlieni tal-politika huwa li jiżgura l-kompetizzjoni ġusta bejn it-trasportaturi bl-ajru billi effettivament it-trasportaturi bl-ajru Ewropej jiġu protetti minn prattiki inġusti minn pajjiżi terzi u entitajiet tal-pajjiżi terzi.
<b>X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?</b>
Il-modifiki fir-Regolament (KE) Nru 868/2004 jistgħu jsiru biss fil-livell tal-UE. Element ewlieni ġdid li jinsab fir-Regolament propost huwa azzjoni fil-każ ta' "ksur ta' obbligi internazzjonali applikabbli". Id-drittijiet vis-à-vis il-pajjiżi terzi, skont ftehimiet li l-Unjoni tiffirma parti minnhom, ma jistgħux jiġu eżerċitati b'mod separat mill-Istati Membri individwali.
<b>B. Soluzzjonijiet</b>
<b>X'inhuma l-għażliet varji biex jinkisbu l-oġettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?</b>
A) Xenarju bażi: L-ebda bidla fil-politika. B) Iktar sforzi internazzjonali fil-livell globali li jimmiraw lejn qafas legali multilaterali għal kompetizzjoni ġusta fl-avjazzjoni u l-inklużjoni ta' klawżoli tal-kompetizzjoni ġusta estenzi fil-Ftehimiet ta' Servizzi bl-Ajru (ASAs). C) Bidliet maġġuri fir-reġim li jinsab fir-Regolament (KE) Nru 868/2004 li jinbidel bi strument legali tal-UE komprensiv u effettiv ġdid. D) Tibdil tar-Regolament (KE) Nru 868/2004 bi strument legali tal-UE ġdid u iktar effettiv ikkombinat ma' iktar sforzi internazzjonali fil-livell globali u l-inklużjoni ta' klawżoli tal-kompetizzjoni ġusta fl-ASAs (l-għażla ppreferuta).
<b>X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?</b>
Il-Kunsill, il-Parlament Ewropew, diversi trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni u l-organizzazzjonijiet tax-xogħol jappoġġaw it-tibdil tar-Regolament Nru 868/2004 bi strument iktar effettiv.
<b>C. Impatti tal-għażla ppreferuta</b>
<b>X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella ta' dawk ewlenin)?</b>
L-għażla ppreferuta D hija mistennija li ġġib l-iktar impatt pożittiv b'saħħtu. Il-valur miżjud ta' azzjoni tal-UE kkombinata fil-livelli kollha għandha tibbenefika s-settur tat-trasport bl-ajru tal-UE b'iktar dħul. Għandha tikkontribwxxi wkoll għal tkabbir fl-impjegji fit-trasportaturi bl-ajru, l-ajruporti u l-industriji relatati tal-Unjoni.
<b>X'inhuma l-ispejjeż tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella dawk ewlenin)?</b>
L-ispejjeż imġarrba mill-amministrazzjoni tal-ilmenti u n-negożjati diplomatiċi huma mistennija li jiġu paċuti minn impatti pożittivi fis-settur tal-avjazzjoni tal-UE u l-ekonomija tal-UE.
<b>X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?</b>
Mhu se jkun hemm l-ebda impatti diretti kumplessivi globali fuq l-SMEs, iżda se jkun hemm impatt pożittiv fuq il-kompetittività tal-linji tal-ajru tal-UE.
<b>Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?</b>
Le.
<b>Se jkun hemm impatti sinifikanti oħrajn?</b>
Fit-terminu ta' żmien twil, il-preservazzjoni tal-kompetizzjoni għandha tiżgura l-prezzijiet raġonevoli u l-kwalità tas-servizzi tal-ajru.
<b>Proporzjonalità?</b>
L-għażla ta' politika ppreferuta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-kisba tal-oġettivi ta' politika.
<b>D. Segwitu</b>
<b>Meta se tiġi riveduta l-politika?</b>
5 snin wara d-dħul fis-seħħ tar-regoli l-ġodda se titwettag evalwazzjoni.